

**Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tal-14 ta' Novembru 2017 – Alfamicro vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-831/14)<sup>(1)</sup>

[“Klawżola ta’ arbitraġġ — Ftehim ta’ sussidju konkluż fil-kuntest tal- Programm Kwadru għall-Kompetittivitā u l-Innovazzjoni (CIP) (2007 sa 2013) — Rapport ta’ awditu — Spejjeż eliġibbli — Rimbors tal-ammonti mhalla — Proporzjonalità — Aspettativi leġittimi — Ċertezza legali — Princípjū ta’ amministrazzjoni tajba — Obbligu ta’ motivazzjoni — Adattament tat-talbiet fil-mori tal-kawża — Tpaċċija tad-djun — Kontrotalba — Interessi moratorji”]

(2018/C 005/34)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

**Partijiet**

Rikorrenti: Alfamicro – Sistemas de computadores, Sociedade Unipessoal, Lda. (Cascais, il-Portugall) (rappreżentanti: inizjalment G. Gentil Anastácio, D. Pirra Xarepe u L. Rodrigues Carvalho, sussegwentement G. Gentil Anastácio u D. Pirra Xarepe, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Estrada de Solà u P. Guerra u Andrade, aġenti)

**Suġġett**

Minn naħa, talba bbażata fuq l-Artikolu 272 TFUE u intiża, essenzjalment, sabiex tiġi kkonstatata l-ineżistenza tad-dejn li l-Kummissjoni tallega li għandha fir-rigward tar-rikorrenti skont il-ftehim ta’ sussidju Nru 238882 relatav mal-finanzjament mill-Unjoni tal-proġetti “Save Energy”, konkluż fil-kuntest tal-Programm Kwadru għall-Kompetittivitā u l-Innovazzjoni (2007 sa 2013) stabbilit permezz tad-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-24 ta’ Ottubru 2006 (ĠU 2006, L 310, p. 15), u, min-naħa l-oħra, kontrotalba intiża, essenzjalment, sabiex ir-rikorrenti tiġi kkundannata għar-riṁbors tas-sussidju indebitament imħallas fil-kuntest tal-ftehim fuq imsemmi.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors ippreżentat minn Alfamicro – Sistemas de computadores, Sociedade Unipessoal, Lda huwa miċħud.
- 2) Alfamicro – Sistemas de computadores, Sociedade Unipessoal, Lda hija kkundannata tħallas lill-Kummissjoni Ewropea s-somma ta’ EUR 277 849,93, miżjudha b'EUR 26,88 bħala interressi għal kull jum ta’ dewmien li jiddekkorru mill-20 ta’ Ġunju 2015.
- 3) Alfamicro – Sistemas de computadores, Sociedade Unipessoal, Lda hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 73, 2.3.2015.

**Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tal-10 ta' Novembru 2017 – Icap et vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-180/15)<sup>(1)</sup>

(“Kompetizzjoni — Akkordji — Settur ta’ prodotti dderivati minn rati ta’ interressi ddenominati fil-yen — Deċiżjoni li tikkonstata sitt okkorrenzi ta’ ksur tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE — Manipulazzjoni tar-rati ta’ riferiment interbankarji JPY LIBOR u Euroyen TIBOR — Restrizzjoni tal-kompetizzjoni bis-suġġett — Parteċipazzjoni ta’ broker fil-ksur — Proċedura ‘ibrida’ ta’ tranżazzjoni — Princípjū ta’ preżużjoni ta’ innoċenza — Princípjū ta’ amministrazzjoni tajba — Multi — Ammont bażiku — Adattament eċċeżżjonali — Artikolu 23(2) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 — Obbligu ta’ motivazzjoni”)

(2018/C 005/35)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Icap plc (Londra, ir-Renju Unit), Icap Management Services Ltd, (Londra) et Icap New Zealand Ltd, (Wellington, New Zealand) (rappreżentanti: C. Riis-Madsen u S. Frank, avukati)